MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta ta' l-10 ta' Ottubru, 2013

Citazzjoni Numru. 719/2013

**Bank of Valletta p.l.c. (C2833)**

***kontra***

**Wayne Cassar**

**Il-Qorti :**

Rat ir-rikors guramentat prezentat fil-25 ta` Lulju 2013 li jaqra hekk –

*1. Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija f`kuntratt, fl-atti tan-Nutar Dottor Carmel Mangion datat 28 t' April 2005 (Dok. "A"), fejn is-socjeta` attrici kkoncediet facilitajiet bankarji lil Wayne Cassar.*

*2. Illi s-socjeta` attrici tinsab kreditrici ta' Wayne Cassar fis-somma ta' sebghin elf, tlett mija u wiehed u hamsin Ewro u tmienja u disghin centezmu (€70,351.98), bilanc ghad-debitu fl-"Loan Accounts" ta' Wayne Cassar mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "B1 sa B5", "C1 sa C5" u "D1 sa D5"), flimkien mal-imghax ulterjuri mill-14 ta` Gunju 2013 sad-data ta' l-effettiv pagament;*

*3. Illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt fuq imsemmi (u hawn ezibit bhala Dok. "A"), partikolarment imma mhux esklussivament, billi Wayne Cassar*

*(a) Naqas milli jhallas l-pagamenti dovuti lis-socjeta' mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratti (b) kien inadempjenti f' obbligi ohra minnu assunti fl-istess kuntratt sopraindikat, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta' l-istess Wayne Cassar li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita' tal-hlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta' attrici.*

*4. Illi l-attur nomine jaf bil-fatti fuq imsemmija personalment;*

*5. Illi l-konvenut Wayne Cassar gie interpellati permezz ta` ittra ufficjali datata 12 ta` Settembru 2012, li kopja taghhom qed tigi hawn ezibita u mmarkata Dok. "E", sabiex jithallas id-dejn fuq imsemmi, izda dan baqgha inadempjenti u ghal din ir-raguni kellha ssir din il-kawza.*

*Ghaldaqstant, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet necessarji u li jinghataw il-provvedimenti opportuni, jghid l-konvenut ghaliex m`ghandhiex Din il-Qorti Tilqa` t-talbiet tas-socjeta` attrici li qeghda hawn titlob lil Din il-Qorti Joghgobha:*

*1. Tiddikjara u tiddeciedi illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt fuq imsemmi (u hawn ezibit bhala Dok "A"), partikolarment imma mhux esklussivament, billi Wayne Cassar (a) naqas milli jhallas l-pagamenti dovuti lis-socjeta' mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratt, (b) kien inadempjenti f' obbligi ohra minnu assunti fl-istess kuntratt sopraindikat, u/jew (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta' l-istess Wayne Cassar li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita' tal-hlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta' attrici, u*

*2. Tikkundanna lil Wayne Cassar jhallas lis-socjeta` attrici s-somma ta` sebghin elf, tlett mija u wiehed u hamsin Ewro u tmienja u disghin centezmu (€70,351.98) bilanc ghad-debitu fil-"Loan Accounts" ta' Wayne Cassar mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "B1 sa B5","C1 sa C5" u "D1 sa D5") flimkien mal-imghax ulterjuri mill-14 ta` Gunju 2013 sad-data tal-effettiv pagament; mal-imghax ulterjuri mill-21 ta' Novembru 2011 sad-data ta' l-effettiv pagament;*

*Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 12 ta` Settembru 2012, kontra l-konvenut li huwa ngunt minn issa sabiex jidher ghas-subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-bank attur u l-elenku ta` dokumenti esebiti mar-rikors guramentat.

Rat illi ghalkemm il-konvenut kien debitament notifikat skond il-Ligi bl-atti promotorji u bl-avviz tas-smiegh tal-kawza, huwa naqas li jipprezenta Risposta Guramentata.

Rat il-verbal ta' l-udjenza tal-lum.

Semghet ix-xhieda ta` Rose Cortis bhala rapprezentant tal-bank attur.

Rat l-atti tal-kawza.

**Billi l-provi attrici mhumiex kontradetti fil-kontumacja tal-konvenut, il-Qorti tilqa’ t-talbiet attrici kif dedotti fir-rikors guramentat bl-imghaxx kif mitlub, bl-ispejjez kontra l-konvenuti.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------